

31996R1523

31.7.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 190/11

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1523/96

ta' l-24 ta' Lulju 1996

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1617/93 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji u prattiċi miftiehma rigward ipplanar konġunt u koordinazzjoni ta' skedi, operazzjonijiet konġunti, konsultazzjonijiet dwar tariffi għall-passiġġieri u merkanzija fuq servizzi ta' l-ajru skedati u allokkazzjonijiet ta' spazju fajruporti

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3976/87 ta' l-14 ta' Diċembru 1987 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji u prattiċi miftiehma fis-settur tat-trasport bl-ajru ⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja, u partikolarment l-Artikolu 3 ta' l-istess,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat ta' Konsulenza dwar l-Akkordji u l-Pożizzjonijiet dominanti fit-trasport bl-ajru,

Wara li ppubblikaw abbozz ta' dan ir-Regolament ⁽²⁾,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1617/93 ⁽³⁾, kif emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, jiddikjara l-Artikolu 85(3) tat-Trattat applikabbli għall-akkordji bejn impriżi fis-settur tat-trasport bl-ajru, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' dawn l-impriżi u prattiċi miftiehma bejn dawn l-impriżi li għandhom bħala għan, *inter alia*, li jżommu konsultazzjonijiet dwar tariffi għat-trasport ta' passiġġieri, bil-bagoll tagħhom, u tal-merkanzija fuq servizzi ta' l-ajru skedati bejn ajruporti tal-Komunità.

(2) Żewġ fatturi bażiċi wasslu għall-adozzjoni ta' regolament ta' eżenzjoni rigward konsultazzjonijiet ta' tariffi għall-merkanzija:

- il-bżonn li l-linji ta' l-ajru jingħataw iż-żmien sabiex jaġġustaw għall-introduzzjoni tal-kompetizzjoni,
- il-bżonn li jkun hemm kontribut għall-aċċettazzjoni ġenerali ta' kondizzjonijiet minn ġewwa, li jkunu ta' benefiċċju kemm għal min jittrasporta kif ukoll għal min juża t-trasport.

(3) Fil-każ ta' l-ewwel fattur, għandu jkun innutat illi, mill-adozzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 3976/87, linji ta' l-ajru kellhom perjodu ta' tmien snin sabiex jidraw ambjent aktar kompetittiv. Taħt r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar aċċess għal mezz ta' tat-trasport ta' l-ajru tal-Komunità għal rotot matul il-Komunità ⁽⁴⁾, kif emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, aċċess għas-sug għandu jkun kompletament liberalizzat b'effett mill-1 April 1997.

(4) Dan il-perjodu jidher biżżejjed sabiex jippermetti l-aġġustament għall-kondizzjonijiet tas-suq ġodda, u m'hemmx aktar ġustifikazzjoni illi jiġi estiż.

(5) Fil-każ ta' kondizzjonijiet minn ġewwa, l-aspetti li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati:

- skond informazzjoni u dokumenti provduti mill-linji ta' l-ajru u mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru, ir-rati li jirriżultaw minn konsultazzjoni ta' tariffi huwa sa 70 % ogħla mill-prezzijiet tas-suq. Ir-riżultat huwa, b'mod partikolari, illi konsenji koperti minn ftehim minn ġewwa iseħħu b'rati illi huma negozjati bejn dawk li jipprovdu u dawk li jittrasportaw jew ir-rappreżentanti tagħhom u li ma' għandhom l-ebda relazzjoni vera mar-rati li jirriżultaw minn konsultazzjoni tat-tariffi. Ġie għalhekk stabbilit illi ftehim minn ġewwa f'ċertu każijiet jaħdem b'tariffi li huma inqas minn nofs dawk mwaqqfa matul il-konsultazzjonijiet,

- ġie ukoll stabbilit illi linji ta' l-ajru li ma jeħdux sehem fil-konsultazzjonijiet tat-tariffi jgħorru merkanzija taħt ftehim *interlining*,

- skond informazzjoni provduta mil-linji ta' l-ajru, il-proporzjon ta' konsenji bi ftehim ta' *interlining* waqa' minn 30 % fl-1991 għal 11 % fl-aħħar ta' l-1994. Fil-każ ta' ċertu linji ta' l-ajru, l-figura rilevanti hija inqas minn 2 %,

⁽¹⁾ ĠU L 374, tal-31.12. 1987, p. 9.

⁽²⁾ ĠU C 322, tat-2.12.1995, p. 15.

⁽³⁾ ĠU L 155, tas-26.6.1993, p. 18.

⁽⁴⁾ ĠU L 240, ta' l-24.8.1992, p. 8.

- f'ċerti każi, it-tariffi għolja ħafna mwaqqfa matul konsultazzjonijiet dwar it-tariffi huma applikati għal minn jikkonsenja, ukoll jekk m'hemmx ftehim ta' *interlining*,
 - xi linji ta' l-ajru ppruvaw ibiddu s-sistema li tistabbi-
l-ixxi tariffi matul konsultazzjonijiet tat-tariffi u jin-
trođu tariffi aktar baxxi, iżda dawn it-tentattivi fal-
lew.
- (6) Minħabba dawn l-aspetti, konsultazzjonijiet tat-tariffi m'għadhomx neċessarji sabiex jikkontribwixxu għall-aċċettazzjoni ta' termini u kondizzjonijiet ġenerali għall-ftehim minn ġewwa. Dawn il-konsultazzjonijiet jirriżul-
taw ukoll fit-twaqqif ta' tariffi għolja, li jħallas għalihom minn juża s-servizz, u m'għadhomx aktar essenzjali sabiex jaħdmu ftehim minn ġewwa, minħabba li n-
numru żgħir ta' ftehim konċernat u l-fatt illi dawn huma konklużi essenzjalment fuq bażi bilaterali.
- (7) Konsultazzjonijiet dwar tariffi għall-merkanzija għandhom għalhekk ikunu esklużi mill-iskop tar-Regolament (KEE) Nru 1617/93.
- (8) Għandu jingħata żmien sabiex jiġu emendati l-ftehim u l-prattiċi miftiehma fil-kwistjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 1617/93 huwa amendat kif ser jin-
għad hawn taħt:

1. Fl-Artikolu 1, it-tielet inċiż huwa mibdul b'dan li ġej:
- “- iż-żamma ta' konsultazzjonijiet dwar tariffi għat-tras-
port ta' passigieri, bil-bagalji tagħhom, fuq servizzi ta'
l-ajru skedati bejn ajruporti tal-Komunità.”
2. L-Artikolu 4 huwa emendat kif ser jingħad:
- (a) t-titolu huwa mibdul b'dan li ġej:
- “Dispożizzjonijiet speċjali għall-konsultazzjoni dwar
tariffi tal-passigieri”;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri
kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Lulju 1996.

(b) l-ewwel paragrafu huwa emendat kif ser jingħad:

- (i) l-kliem ta' introduzzjoni huwa mibdul b'dan li ġej:
- “L-eżenzjoni rigward iż-żamma ta' konsultazzjonijiet
fuq tariffi tal-passigieri għandha tapplika biss jekk
jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:”;
- (ii) il-punt (a) huwa mibdul b'dan li ġej:
- “(a) Il-parteċipanti jiddiskutu biss tariffi ta' l-ajru li
għandhom ikunu mħallsa min minn juża t-tras-
port bl-ajru direttament lil-linji ta' l-ajru li qed
tipparteċipa jew lill-aġenti awtorizzati tagħha,
għat-trasport bħala passigieri fuq servizz ske-
dat, kif ukoll l-kondizzjonijiet rigward daww il-
passaġġi u r-rati. L-konsultazzjonijiet m'għand-
homx jestendu għall-kapaċità li għaliha dawn
it-tariffi għandhom ikunu disponibbli;”
- (iii) il-punt (c) huwa mibdul b'dan li ġej:
- “(c) it-tariffi tal-passigieri li huma soġġetti għall-
konsultazzjoni huma applikati minn linji ta' l-
ajru li qed jipparteċipaw mingħajr diskrimina-
zjoni fuq bażi ta' nazzjonalità tal-passigieri jew
post ta' residenza;”
- (iv) il-punt (e) huwa mibdul b'dan li ġej:

“(e) il-konsultazzjonijiet ma jorbtux lill-parteċipanti,
jiġifieri, wara l-konsultazzjonijiet il-parteċipanti
jibqgħalhom id-dritt li jaġixxu indipendente-
ment rigward tariffi tal-passigieri;”.

L-Artikolu 2

Akkordji u Prattiċi miftiehma eżistenti jistgħu jiġu emendati
sabiex iħarsu dan ir-Regolament sat-30 ta' Ġunju 1997.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata
wara dik li fiha jiġi ppubblikat fil- *Ġurnal Uffiċjali tal-Komunita-
jiet Ewropej*.

Għall-Kummissjoni

Karel VAN MIERT

Membru tal-Kummissjoni